MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 530/2007

**GO P.l.c**

**vs**

**Joseph BRINCAT**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-16 ta’ Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbet li l-Qorti terġa’ tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fl-10 ta’ Novembru, 1999 fil-kawża fl-ismijiet “Maltacom P.l.c vs. Joseph Brincat” (Ċitazz. Nru. 2335/97 RCP) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;
Rat li l-intimat notifikat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni għall-finijiet ta’ l-art. 187(3) tal-Kap 12, ma ppreżentax risposta lanqas deher għar-rikors meta msejjaħ;

Rat li r-rikorrenti nomine ikkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjarat li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tal-kumpannija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t'talbiet ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------